**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**5 ta' Settembru, 2021**

# BIEX TOĦROĠ MINN DAN IT-TAĦWID

Dan is-sajf kien wieħed differenti minn dawk ta' qabel. Rajna minn kollox: sħana qawwija bla ma tieqaf taħqarna, temperaturi li telgħu u li litteralment ħarqu s-siġar, nirien fil-boskijiet f'bosta pajjiżi, xita qawwija li kaxkret kulma sabet quddiemha. U mill-ewwel tiġi l-mistoqsija: dan it-taħwid kollu minn fejn ġej? Faċli għalina li ngħixu f'denial u ngħidu li "l-affarijiet qed jitbiddlu". In-nisrani għandu jmur aktar fil-fond u jara l-affarijiet fid-dawl tal-fidi u fid-dawl anke tax-xjenza.

Il-problema li għaddejja minnha l-pjaneta, hija wkoll problema umana: aħna l-bnedmin qed inħallu marka fuq id-dinja bl-azzjonijiet tagħna. Xi minn daqqiet il-marka li nħallu hija ġerħa miftuħa.



Meta ma nibżgħux għall-ambjent, meta nibnu bla rispett, meta siġra ħajja jew maqtugħa għalina erbgħa u erbgħa tmienja, allura iva, il-problema ssir waħda reliġjuża. Il-kanzunetta tgħid li "love makes the world go round" u n-nuqqas tal-imħabba lejn l-oħrajn u lejn il-ħolqien, iġib il-qirda. Il-bniedem għaqli jrid jibni relazzjoni ta' mħabba ma' ħutu u mal-ħolqien kollu. Is-salm 65 jgħid li "l-wied ta' Alla mimli bl-ilma". Iva, il-Mulej irid jagħtina l-ġid u l-abbundanza. Naturalment l-imħabba tiegħu trid tgħaddi minn ġo fina għall-oħrajn. Li nżommu f'qalbna, li ma naħfrux, li dejjem inwaħħlu f'ħaddieħor, dan iwassal għan-nixfa spiritwali. Only love makes the world go round, inkluża d-dinja li hija l-ħajja tagħna persunali.

Nitolbu biex flok reliġjon fjakka, lill-Mulej nitolbuh li l-fidi tagħna tmiss il-ħajja u l-ambjent. Lill-Mulej nitolbuh li jagħtina li quddiem il-gwerra, il-ġuħ, id-disfatti politiċi, ngħixu ta' nies ħielsa bil-ħajja ġusta tagħna. Nitolbuh lill-Mulej biex jagħmilna nħossu l-preżenza kollha mħabba tiegħu, nagħmlu esperjenza tiegħu u nħobbu lil dawk kollha u dak kollu li huwa afdalna f'idejna.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## AVVIŻI:

**JUM IL-VITORJA:** il-quddies f'dan il-jum ikun bħal ta' fost il-ġimgħa.

**KARTOLINI POSTALI MILL-PATRIMONJU NADUR:** fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-Arċipriet il-Kan. Martin Camilleri S.T.D li ġrat fit-8 ta' Settembru, 1921, għadhom kemm ġew ippubblikati żewġ kartolini postali biex jitfakkar dan l-anniversarju. Dawn il-kartolini li ġew iddisinjati minn Paul Portelli jistgħu jinkisbu għal prezz ta' €3 (sett ta' tnejn) mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Kan. Dun Reuben Micallef.

**ROKNA EKOLOĠIKA: IL-PLASTIK**

Il-plastik kien invenzjoni li għenet ħafna lill-bniedem. Illum id-dinja tipproduċi madwar 250 miljun tunnellata ta' plastik fis-sena. Ħafna minn dan intefa' l-baħar. Hemm tebqiet ta' baħar b'eluf ta' kilometri kwadri ta' plastik jgħum f'wiċċ l-ilma. Miljuni ta' ħlejjaq tal-baħar imutu minħabba li jieklu jew jifgaw b'dan il-plastik. Għalhekk xħin tmur is-supermarket, jekk oġġett tista' tieħdu f'idek mingħajr borża jew tieħu basket tad-drapp, tkun qed tgħin fil-ħarsien tal-ambjent.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am
**il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am
**il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am